MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 258/2012

**AB**
**Vs.**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-kontendenti ikkuntrattaw iz-zwieg fl-10 ta' Settembru tas-sena 1970, liema zwieg jinsab registrat fl-Indici tar-Registru Pubbliku bin-numru progessiv elf hames mija u disgha tas-sena elf disa' mija u sebghin (1509/1970), hekk kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dokument 'A';
2. Illi mill-imsemmi zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal, P li twieled fit-28 ta' Ottubru tas-sena 1971,u li llum ghandu wiehed u erbghin (41) sena u L li twieldet fl-1 ta' Settembru tas-sena 1975, u li llum ghandha sitta u tletin (36) sena;

3. Illi l-kontendenti kienu infirdu minn xulxin bis-sahha ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Joseph Cachia fit-tletin (30) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija u hamsa u tmenin (1985), kopja ta’ l-imsemmi kuntratt hawn annessa bhala Dokument B;
4. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni, il-kontendenti kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment, kemm ghal dak li jirrigwarda l-manteniment ghall-mara kif ukoll manteniment ghat-tfal;
5. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
6. Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, ma huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex a tenur tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66 C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tigi stabilita l-esistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti ma toggezzjonax ghat-talbiet tar-rikorrent, b’dan illi m’ghandhomx jigu mittiefsa ebda mid-drittijiet taghha skond il-kuntratt ta’ separazzjoni, liema kuntratt kien gie modifikat b’kuntratt ta’ modifika ta’ separazzjoni personali li qieghed jigi hawn esebit bhala Dok SD1;
2. Illi minghajr pregudizzju ghal, u bi zieda mal-premess, jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent titlob illi r-rikorrenti jaghti garanzija xierqa ghall-hlas ta’ hames (5) snin manteniment, u dan ai termini tal-Artikolu 661 (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Illi finalment l-espontenti m’ghandhiex tbati spejjez ta’ dawn il-proceduri;

B’riserva ghal risposti ohra, u bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, minn issa ngunt in subizzjoni;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta’ Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta’ Lulju 1985;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ulied il-partijiet illum il-gurnata huma maggorenni u illi fil-kuntratt ta’ separazzjoni ir-rikorrenti kellu jghaddi manteniment lill-intimata u ma hemm l-ebda problema f’dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------